MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 194/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**1. Joseph Grech (I.D. nru. 156363(M)**
**2. Doreen Fenech (I.D. nru. 217775(M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta’ rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat 5 ta’ Mejju 2004 (Dok. A), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph Grech u Doreen Fenech.

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Joseph Grech u Doreen Fenech fis-somma ta’ sitta u erbghin elf, sitt mija u erbgha u sittin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm46,664.63) bilanc ghad-debitu fil-*‘Loan Accounts’* ta’ Joseph Grech u Doreen Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘B’, u Dok. ‘C1 sa C2’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Jannar 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument ‘A’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Grech u Doreen Fenech; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Joseph Grech u Doreen Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Dicembru 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok ‘D’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument ‘A’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Grech u Doreen Fenech; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu nadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt

sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Joseph Grech u Doreen Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Joseph Grech u lil Doreen Fenech ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf, sitt mija u erbgha u sittin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm46,664.63) bilanc ghad-debitu fil-'*Loan Accounts'* ta' Joseph Grech u Doreen Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'B', u Dok 'C1 sa C2') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Jannar 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2006 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti ezebiti u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu li jidru u jipprezentaw ir- risposta taghhom u hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedota fir-rikors tirrizulta pruvata ;

Fil-kontumacja tal-intimati tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------